

# Wirt Ġensna

Paġna miġbura minn Frans Ghirxi

Il-Ħadd, 25 ta' Novembru tal-1984

## FONDAZZJONI GĦAL ŻWIEĠ TA' XEBBIET FOQRA

Wara l-Assedju tal-1565, bħala ringrazzjament lil Alla, għadd ta' nobbli għamlu wegħda u ftehmu bejniethom biex kull sena jżewġu diversi xebbiet orfni u fqar, b'tifkira tal-ħelsien mill-assedju. Dawn in-nobbli obbligaw ruħhom li jikkontribwixxu somma flus kull sena għal dan il-għan. Bħala prokuraturi ta' din il-fondazzjoni ġew nominati l-Ġurati tal-Università tal-Imdina.

Din il-fondazzjoni kienet ġiet konfermata mill-Papa Klement VIII, kif jidher mill-Ittra Appostolika maħruġa f'Ruma fit-8 ta' Mejju tal-1596. Aktar tard twaqqfu legati oħra favur il-fondazzjoni għal xebbiet fqar biex jiżżewġu fi ġranet u f'postijiet iffissati minn qabel.

Fost dawn il-ġranet u postijiet kien hemm jum Sant'Agata fil-knisja tagħha fir-Rabat; f'jum it-Twelid tal-Madonna fil-Katidral, fil-knisja ta' Sant'Antnin; fil-knisja tal-Patrijiet Agostinjani; f'jum is-Salvatur fil-knisja li kien hemm fl-Imdina; nhar Santa Marija fil-knisja tal-Patrijiet ta' Ġieżu; f'jum San Każimu u San Damjan u f'jum Santa Katerina Martri; fil-knisja ta' Santu Wistin; nhar San Bert fil-knisja tiegħu fir-Rabat u f'jum San Nikola fil-knisja parrokkjali tas-Siġġiewi.

Dawn il-legati kienu jiffurmaw dak li kien jissejjaħ Fondazzjoni Ordinarja. Fl-1624 Gregorio Xerri, kien permezz ta' legat, iżewweġ 20 xebba fqira kull sena. Xerri kien ħalla bħala eredi universali tiegħu lill-fondazzjoni. Ix-xebbiet kienu jingħażlu kull sena waqt laqgħa straordinarja tal-fondazzjoni li kienet issir fil-kappella tal-Lunzjata fil-Kunvent tad-Dumnikani. Laqgħat simili kienu jsiru f'Ottubru, oħrajn f'jum San Duminku u ftit minnhom f'jum il-Viżitazzjoni tal-Madonna.

Gregorio Xerri kien għamel it-testment tiegħu fl-1618 fl-Atti tan-Nutar Simone Galea. Bħala werrieta universali kienet tħalliet martu Imperia Cassia, iżda fejn jirrigwarda ż-żwieġ ta' dawn ix-xebbiet daħlet il-fondazzjoni għaż-żwieġ ta' xebbiet foqra.

F'din il-fondazzjoni kienu jistgħu jinkitbu x-xebbiet orfni kollha minn missierhom u ommhom. In-numru ta' xebbiet nominati għaż-żwieġ kien ikun jiddependi mill-fondi li kienet iddaħħal il-fondazzjoni. Ix-xebbiet kienu jingħażlu nhar il-festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl, fil-25 ta' Jannar, waqt quddiesa solenni fil-Katidral tal-Imdina. L-għażla kienet issir bix-xorti, fil-preżenza tal-Ġurati tal-Università u tal-poplu. Id-dota kienet tkun ta' 10 uqijiet fi flus.

Dan it-tagħrif dwar din il-fondazzjoni qiegħed jingħata peress li f'uħud mill-knejjes iż-żgħar fir-Rabat se niltaqgħu ma' dan l-obbligu – li jżewwġu xebba fqira.